# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2018.**

**Rikors Numru 1632/1995**

**Doreen Galea Souchet**

**vs.**

**Joseph Farrugia f'ismu proprju**
**u ghan-nom ta' *Industrial Domestic Supplies and Services Indoss***

**u**

**Carmelo Farrugia *Melfar Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata l-24 t'Ottubru, 1995, li permezz taghha l-attrici sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi b'kuntratt datat it-30 ta' Mejju, 1994, il-konvenut Farrugia *proprio et nomine*, obbliga ruhhu li jissupplixxi u jistalla "*lift*" fil-fond numru 227, Triq Manwel Dimech, tas-Sliema, ghall-prezz, termini u kundizzjonijiet hemm indikati, (ara foll 5);

1.2. Illi sa Frar tal-1995, wara li gia` ghadda l-perjodu pattwit ghall-istallazzjoni tal-istess "*lift*", il-konvenut indikat fil-paragrafu precedenti lanqas kien biss beda ix-xoghol u ghalhekk resqu u ikkonkretizzaw ftehim iehor fit-8 ta' Frar, 1995, (ara foll 16), li permezz tieghu l-konvenut obbliga ruhhu li jittermina x-xoghol a sodisfazzjon tal-attrici sat-30 t'April, 1995, (ara foll 16);

1.3. Illi fil-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1995, is-socjeta` konvenuta Carmelo Farrugia Melfar Limited iggarantiet l-obbligi *de quo in solidum* flimkien mal-konvenut *proprio et nomine*, (ara foll 16 u 17);

1.4. Illi sad-data tal-prezentata tal-azzjoni odjerna l-istallazzjoni tal-"*lift*" in dizamina ghada mhix kompleta anzi, kienet ghada biss fil-bidu u l-apparat konsenjat s'issa jirrizulta *in parte* inferjuri;

1.5. Illi *nonostante* li interpellat biex jikkonsenja l-"*lift*" "*de quo*" skont l-imsemmi ftehim u biex ihallas il-penali minnu inkorsi li sad-data tal-prezentata tal-procedura odjerna tlahhaq is-somma ta' tmint elef tmien mija u hamsin Lira Maltin, (Lm8,850.00), dan baqa' inadempjenti;

1.6. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li l-konvenut Farrugia *proprio et nomine* ghadu ma ikkompletax l-istallazzjoni tal-"*lift*" skont kif obbliga ruhhu fil-kuntratti tat-30 ta' Mejju, 1994, u tat-8 ta' Frar, 1995, u li ghalhekk

inkorra l-penali stipulati fil-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1995;

1.6.2. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom biex ihallsu lill-attrici s-somma ta' Lm8,850.00 bhala penali inkorsi sad-data tal-prezentata tal-procedura odjerna *ai termini* tal-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1995;

1.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess citazzjoni tal-attrici kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-imsemmija citazzjoni u permezz taghha ikkonfermat is-suespost, (ara foll 3);

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 ta' Jannar, 1996, li permezz tieghu l-partijiet kienu infurmati li l-kawza *de quo* tqeghdet fuq il-lista tas-smigh, (ara foll 20);

4.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata z-19 ta' Frar, 1996, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

4.1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

4.2. Illi hu minnhu li l-konvenut Farrugia *proprio et nomine* ikkonsenja u stalla l-"*lift*" *de quo* wara t-30 t'April, 1995;

4.3. Illi m'ghandux jinkorri penali *stante* li d-dewmien mhux imputabbli lilhu;

4.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

5. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti annessa mal-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha ikkonfrontaw il-kontenut tal-istess nota, (ara foll 22);

6.0. Rat il-kontro-talba u l-annessa dikjarazzjoni ghall-istess tal-konvenut Farrugia *proprio et nomine* li permezz taghha ssottometta sintetikament s-segwenti, (ara foll 23):

6.1. Illi l-attrici ghandha taghtih erbat elef disgha mija erbgha u disghin Lira Maltin, (Lm4,994.00), bilanc ghall-“*lift*” *de quo*;

6.2. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha:

6.2.1. Tikkundanna lill-attrici thallas is-somma indikata t’Lm4,994.00 lill-konvenut Farrugia *proprio et nomine*;

6.2.2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovuti kontra l-attrici;

7.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenuta datata l-1 ta’ Marzu, 1996, li permezz taghha eccepiet is-segwenti, (ara foll 27):

7.1. Illi l-appalt *de quo* ma giex esegwit kif pattwit jew skont is-sengha u l-arti;

7.2. Illi di piu` l-istess appalt ghadu mhux kompletat;

7.3. Illi ghalhekk it-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti hi intempestiva;

8. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta’ Gunju, 1996, li permezz tieghu, hatret espert tekniku biex jassistiha, (ara foll 31);

9. Rat id-digriet sussegwenti datat il-5 ta’ Novembru, 1996, li permezz tieghu issosstitwit lill-perit tekniku precedentement appuntat, (ara foll 35 u 36);

10. Rat id-digriet ulterjuri tal-istess, datat it-28 ta’ Marzu, 2000, li permezz tieghu, wara indikazzjoni appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, innominat espert legali biex jassisti lill-espert tekniku precedentement nominat, (ara foll 63);

11. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta’ Gunju, 2013, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, ordnat li l-perit legali jirritorna l-inkartament fl-atti tal-procedura, (ara foll 156);

12. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, in vista tar-rikors konguntiv tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, hatret lill-perit legali hemm indikat in sostituzzjoni ta' dak precedentement nominat, (ara foll 159);

13. Rat il-verbal datat il-15 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu giet informata li kienet intavolata kawza ghal ritassa u in vista tal-istess, il-kawza odjerna giet differita *sine die*, (ara foll 168);

14. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara rikors appozitu tal-attrici datat it-30 ta' Dicembru, 2015, irriappuntat l-istess procedura ghall-kontinwazzjoni, (ara foll 171 u 173);

15. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura *de quo* bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 425);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata t-3 ta' Mejju, 2017, (ara foll 426), flimkien ma dik tal-konvenuti datata t-22 ta' Gunju, 2017, (ara foll 431);

17. Semghet ix-xhieda prodotta;

18. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

19. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-konvenuti, (ara foll 438);

20. Tirrileva li l-abbli rapprezentant legali tal-attrici naqas li jattendi ghall-udjenza riservata ghat-trattazzjoni orali finali, (ara foll 438);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

21.1. Illi l-attrici tilmenta li l-konvenut Farrugia *proprio et nomine* naqas li jottempora ruhhu ghall-kundizzjonijiet pattwiti fiz-zewg (2) kuntratti fuq riferiti, ara paragrafi

wiehed punt wiehed (1.1.), u wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

21.2. Illi ghalhekk inkorra l-penali hemm pattwiti, (ara foll 16);

21.3. Illi in vista tal-istess l-attrici qed titlob li l-konvenuti jhallsuha s-somma ta' Lm8,850.00 f'penali hekk minnhom inkorsi, u fil-kaz tas-socjeta` konvenuta, bhala garanti *in solidum* ghall-esekuzzjoni tal-istess appalt, (ara foll 16 u 17);

21.4. Illi l-konvenuti irrespingew it-talbiet attrici u jsosstnu li ghalkemm ikkonsenjaw il-"*lift*" wara d-data pattwita, (ara foll 16), d-dewmien riskontrat ma kienx imputabbli lilhom;

21.5. Illi bhala konvenuti rikonvenzjonanti intavolaw kontro-talba li permezz taghha qed jitolbu Lm4,994.00 bhala bilanc mill-ammont lilhom dovut mill-attrici;

21.6. Illi l-attrici rikonvenzjonata tirrispondi li l-appalt *de quo*:

21.6.1. La kien ezegwit kif pattwit; u

21.6.2. Lanqas kien esegwit skont is-sengha u l-arti;

21.7. Illi skont il-kuntratt datat it-8 ta' Frar, 1995, il-partijiet qabblu li f'kaz li d-data tal-esekuzzjoni tal-appalt, senjatament it-30 t'April, 1995, tigi superata, kellha tigi imposta penali ta' mija u sittax -il euro u sitta u erbghin centezmu, (€116.46), ghal kull gurnata ta' dewmien, (ara foll 16);

21.8. Illi gew ukoll mahtura espert tekniku u espert legali biex jassistu lill-qorti odjerna, li wara li pprezentaw ir-relazzjoni rispettiva taghhom la saret l-ebda talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali fir-rigward, u lanqas ingiebet xi prova li b'xi mod twaqqa' r-rapport rispettiv taghhom;

Ikkunsidrat:

22. Illi kif ritenut mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Richard Falzon vs. *Construct Furniture Limited***, datata s-**7 ta' Dicembru, 2006**, u fis-sentenzi hemm profusament citati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat minn qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u l-opinjonijiet esperti esposti fir-relazzjoni pprezentata *in atti*, jikkostitwixxu prova ta' fatt li bhala tali, ghandhom jigu hekk meqjusa mill-qorti;

23. Illi kif ritenut mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grima vs. Carmelo Pace *et***, datata l-**14 t'April, 2016**:

> "Il-qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku, (**Cauchi vs. Mercieca**, **Qorti tal-Appell** deciz fis-**6 ta' April, 1999**, u **Saliba vs. Farrugia**, **Qorti tal-Appell** deciz fit-**28 ta' Jannar, 2000**)";

24. Illi in effetti, wara li ezaminat ir-relazzjonijiet rispettivi tal-istess esperti in dizamina, ssib li m'ghandiex tiddisturba l-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-imsemmija esperti, u konsegwentement, taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi rigward il-penali pattwita bejn il-partijiet isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

25.1. Illi f'dan ir-rigward l-attrici tirrileva li *ai termini* tal-artiklu 1122 tal-Kap 16, il-qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali hlief fil-kazijiet hemm espressi, (ara foll 427);

25.2. Illi f'dan ir-rigward issosstni s-segwenti:

25.2.1. Illi l-intimat *proprio et nomine* jezercita l-kummerc;

25.2.2. Illi kien minn jeddu li dahal fi ftehim li fih giet imposta penali gornaljera;

25.2.3. Illi kien minn jeddu li intrabat bit-terminu ghall-esekuzzjoni tal-istess;

25.2.4. Illi ghalhekk hawn japplika l-principju *pacta sunt servanda*;

25.2.5. Illi konsegwentement ghandhom jigu applikati l-penali fl-interezza taghhom;

25.2.6. Illi ghalhekk issosstni li l-penali m'ghandiex tkun ridotta kif isosstnu l-esperti nominati, (ara foll 218);

Ikkunsidrat:

26. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)** fl-ismijiet **Mark Calleja Urry *et* vs. Joseph Portelli *et***, datata l-**31 ta' Lulju, 2008**, li irriteniet is-segwenti:

"Il-principju rilevanti fir-rigward tal-materja ta' penali li jirrizultaw mill-provvedimenti tal-ligi, huma s-segwenti:

"(a) Penali hu ftehim volontarju li ghandha bhala wiehed mill-iskopijiet taghha li tiddiswadi lid-debitur milli jibqa' inadempjenti fit-twettiq tal-obbligazzjoni. Min-naha l-ohra jekk l-iskop ta' prevenzjoni tibqa' mhux rejalizzata, l-klawsola penali hi mezz ta' repressjoni inkwantu l-piena pattwita fil-klawsola tissanzjona il-komportament illecitu tad-debitur.

"(b) Penali hi kumpens ghall-hsara li jsofri kreditur minhabba nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni principali mid-debitur (Artikolu 1120) ...

"(c) Kreditur jista' jagixxi ghat-twettiq tal-obbligazzjoni principali minflok ma jitlob il-penali

li fiha jkun inkorra d-debitur (Artikolu 1120(2)). Kreditur ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien, hlief meta l-penali tkun giet pattwita ghad-dewmien biss (Artikolu 1120);

“(d) Id-debitur jaqa’ fil-penali meta jsir hati ta’ dewmien, bhal ma jinghad fl-artikolu 1130 tal-Kodici Civili (Kap. 16), fis-sens li fejn l-obbligazzjoni tkun li jaghmel u jigi pattwit zmien, id-debitur jigi imqieghed *in mora* bl-eghluq ta’ dak iz-zmien”;

Ikkunsidrat:

27. Illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li l-principju *pacta sunt servanda* ghandu jigi dejjem interpretat fid-dawl tal-ekwita` biex jigu b’hekk evitati sitwazzjonijiet assurdi;

Ikkunsidrat:

28. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Ogygia Enterprises Limited* vs. Alfred Baldacchino *et***, datata t-**3 ta’ Mejju, 2011**, li irriteniet is-segwenti:

“Madankollu, llum il-gurnata hu accettat li l-applikazzjoni tar-regola mahsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodici Civili trid titfisser ukoll fid-dawl ta’ principju iehor ewlieni tad-dritt, jigifieri dak li jrid li l-kuntratti jigu esegwiti b’bona fidi u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jinghad fihom, imma wkoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skond l-ghamla taghha, b’ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi. Dan ifisser li b’applikazzjoni tal-massima *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, hu possibbli li l-effett u l-applikazzjoni literali ta’ klawsola penali jigu “ridimensjonati” jekk tirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew

inaccettabbli “skond in-normi stabiliti tas-socjeta` u l-logika guridika”;

Ikkunsidrat:

29. Illi in vista tas-suespost il-konvenut *proprio et nomine* ma jistax jinzamm responsabbli ghad-dewmien kollu riskontrat u dan, *stante* li jirrizulta li kien hemm dewmien mhux imputat lilhu fl-istallazzjoni tal-fornitura tal-elettriku “*three phase*”, u kien hemm nuqqas ta’ hlas mill-attrici;

30. Illi konsegwentement, *arbitrio boni viri*, tordna t-tnaqqis fil-penali biex anke jigu evitati konsegwenzi assurdi;

31. Illi in vista tal-premess, ghandha ghalhekk ukoll tigi akkolta l-konkluzjoni tal-perit legali kif dedotta fir-relazzjoni tieghu;

32. Ghalhekk f’dan l-istadju terga’ ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)** fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel), fejn f’dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> “Jidher ghalhekk l-ideja hi li penali eccessivi jistghu jigu riveduti u mibdula. Fil-fehma tal-Qorti din is-sistema hi dik li l-iktar taghmel sens inkwantu tizgura li irrispettivament ta’ dak li jkunu ftehmu l-partijiet, ma tinholoqx il-possibilita` li jkun hemm konsegwenzi assurdi;

33. Illi ghalhekk, in linea mal-insenjament guridiku fuq riferit, din il-qorti qed taddotta l-konkluzjoni tal-perit legali fejn ghar-ragunijiet minnu esposti fl-istess relazzjoni tieghu, taffa l-penali li ghandha tigi imposta, (ara foll 219);

Ikkunsidrat:

34.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba sollevata mill-konvenut rikonvenzjonant *proprio et nomine* jinghad sintetikament is-segwenti:

34.1. Illi dan talab il-hlas ta' €11,632.89 mill-attrici ghall-bilanc lilhu dovut minn somma akbar ghal-prezz tal-"*lift*" in kwistjoni;

34.2. Bl-sipejjez u imghaxijiet kontra l-attrici;

35. Illi l-esperti nominati qabblu li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex din il-kontro-talba m'ghandiex tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi konsegwentement filwaqt li terga tirriafferma li qed tadotta l-konkluzjonijiet tal-perit legali u ta' dak tekniku fir-rigward:

**DECIDE:**

36.1. Takkolji l-ewwel talba tal-attrici;

36.2. Takkolji t-tieni talba taghha limitatament kif fuq indikat;

36.3. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli li jhallsu lill-attrici l-ammont ta' €15,000.00 bhala penali, bl-imghaxijiet legali mid-data tac-citazzjoni odjerna;

36.4. Tikkundanna lill-istess konvenuti biex *in solidum* ihallsu l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-attrici;

36.5. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuti s-somma ta' €11,632.89, bilanc minna lilhom dovut minn somma akbar ghall-prezz tal-"*lift*" *de quo*;

36.6. Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti senjatament, nofs mill-attrici u nofs mill-konvenuti *proprio et nomine et*.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**